**L-ISPEAKER MICHAEL FRENDO F'DISKUSSJONI FI BRUSSEL DWAR L-ISKRUTINJU MILL-PARLAMENTI NAZZJONALI TAL-POLITIKA ESTERA TAL-UNJONI EWROPEA**

Nhar il-Tnejn li ġej, l-Onorevoli Michael Frendo se jieħu sehem f'diskussjoni dwar l-iskrutinju mill-Parlamenti Nazzjonali tal-Politka Estera u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea bħala waħda mit-temi tal-laqgħa annwali tal-Presidenti tal-Parlamenti Nazzjonali. Il-Konferenza se tittratta wkoll bosta temi inkluż l-iskrutinju mill-Parlament tas-servizzi ta' sigurta' u tal-Europol, r-relazzjoni bejn il-Parlamenti, l-opinjoni pubblika u l-mezzi ta' kommunikazzjoni, u l-kriżi finanzjarja u l-istabbilità tal-Ewro.

Il-laqgħa li fiha jieħdu sehem l-iSpeakers tal-Parlamenti Nazzjonali tal-Unjoni Ewropea flimkien mal-President tal-Parlament Ewropew Jerzy Buzek li għadu kif żar Malta f'viżita uffiċjali, ser tinżamm fil-Parlamenti tal-Belġju bejn it-Tnejn 4 u t-Tlieta 5 ta' April. Ser jattendu wkoll l-iSpeakers tat-Turkija, l-Kroazja, FYROM, Montenegro u l-Islanda, pajjiżi li jaspiraw li jsiru membri tal-Unjoni Ewropea.

L-iSpeakers ser ikunu ukoll l-mistiedna tal-Maestà Tiegħu r-Re Albert II tal-Belġju fil-Palazz Rjali ta' Laeken.

Waqt il-Konferenza, l-iSpeaker Michael Frendo ser ikollu wkoll numru ta' laqgħat bilaterali ma' Presidenti ta' Parlamenti Nazzjonali oħrajn fosthom tal-Greċja, ta' Montenegro u tal-Kroazja.

**DOI – 01.04.2011**